MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 247/2008

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**vs**

**Gial Carni Limited (C-36433)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tlett elef, mitejn u sebgha u erbghin Euro u hmistax-il centezmu (€3,247.15), rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta in konnessjoni ma’ mobile phone bin-numru : 99260375.

Is-socjeta’ konvenuta minkejja li nterpellata diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta’ qbid 3107/07LG , u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-

data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ tlett elef, mitejn u sebgha u erbghin Euro u hmistax-il centezmu (€3,247.15), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------